**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 25**

**It-Tlieta, 1 ta' April, 2025**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fit-4.34 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Ramona Attard (sostitut), l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Omar Farrugia, l-Onor. Amanda Spiteri Grech, u l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 24 li saret fil-18 ta' Marzu 2025, kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SA CARMEN CIANTAR GĦALL-ĦATRA TA' CHAIRPERSON TAL-AWTORITÀ TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR (MCCAA) - KONTINWAZZJONI**

Hekk kif il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Prim Ministru Robert Abela datata 6 ta' Frar 2025, dwar in-nomina tas-Sa Carmen Ciantar għall-ħatra ta' Chairperson tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA), wara r-rikjesta tal-Onor Adrian Delia, fejn għamel aċċenn fuq artiklu li kien ippubblikat fuq portal online lokali, sabiex tiġi mistiedna s-CEO attwali l-Inġinier Helga Pizzuto u twieġeb għal xi mistoqsijiet li jistgħu jsiru mill-membri preżenti tal-kumitat.

Fl-4:36, l-Inġ Helga Pizzuto ġiet mitluba tidħol fil-kamra u tat rendikont tal-karriera tagħha bħala Chairperson u CEO tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur u saret diskussjoni bbażata fuq il-mistoqsijiet magħmula lill-Inġ Pizzuto.

Fl-4:51 p.m. il-kumitat irringrazzja lill-Inġ Pizzuto u ntalbet tirtira mill-kamra u l-laqgħa ġiet sospiża sabiex il-kumitat jiddiskutu *in camera*.

Fil-5:01 p.m., il-laqgħa rriżumiet u l-President talab lill-Oppożizzjoni jagħmlu kumment fir-rigward tal-laqgħa. L-Onor. Adrian Delia. Hu, flimkien mal-bqija tal-membri tal-Oppożizzjoni jħossu li wara d-diskussjoni li għadha kemm saret, ma jħosshomx komdi jipparteċipaw fil-bqija tal-laqgħa u għalhekk ser joħorġu mil-laqgħa.

Fil-5.04 p.m. il-membri tal-Oppożizzjoni ħarġu mill-kamra.

Fil-5.05 p.m. Is-Sa Carmen Ciantar daħlet fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sa Carmen Ciantar li d-domandi u t-tweġibiet tagħha kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sa. Ciantar tat rendikont tal-karriera tagħha bħala impjegata fis-settur privat, kif ukoll fis-settur pubbliku fejn serviet ukoll f'karigi maniġerjali. Serviet ukoll f'diversi direttorati kif ukoll bħala membru ta' diversi bordijiet.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni bbażata fuq dawn il-mistoqsijiet.

Fil-5.17 p.m. il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sa Carmen Ciantar u talabha sabiex tirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tagħha.

Fl-5.18 p.m. il-laqgħa rriżumiet u meta l-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sa Carmen Ciantar għall-ħatra ta' Chairperson tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) l-membri preżenti vvutaw favur din il-ħatra.

Il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.19 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sa Carmen Ciantar tidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sa Carmen Ciantar daħlet fil-kamra tal-Kumitat u ġiet informata li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Chairperson tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) kienet ġiet approvata mill-Kumitat u li, skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Prim Ministru.

Is-Sa Ciantar irringrazzjat lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtirat mill-kamra.

Fl-5.30 p.m. il-Kumitat ikkonkluda d-diskussjoni u aġġorna.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**